# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sitta u tletin (36) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2009, fis-6:40pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-**sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta preċedenti** kienu meħuda bħala moqrija u kienu approvati unanimament kif inhuma mingħajr l-ebda korrezzjoni.

3. Dwar ***water catchment*** difettuż fi Triq San Innoċenzju, is-sindku qal li dan għadda xi ħadd minn fuqu b'vettura tqila u mbaram. Ir-riżultat hu li issa ġie zopp u ma' kull vettura li tgħaddi, ikun hemm taħbita. Is-suġġeriment hu li din il-gradilja tinqata' f'biċċiet żgħar u jiġu bboltjati mal-*frame* bil-lastiku fin-nofs.

4. Matul dawn l-aħħar jiem sar ħafna **xogħol fil-ġonna** tagħna mill-ħaddiema tal-*Environmental Landscapes Consortium (ELC)*. Dawn ħawlu xtieli ġodda f'bosta partijiet tal-Imqabba u propju llum ħartu bil-mutur il-ħamrija tal-ġnien f'Misraħ il-Fidwa. Madankollu kien hemm osservanza mill-Kunsillier Grace Marie Mallia li dawn qed jidhru għal ħafna ħin ma jagħmlu xejn. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal li l-messaġġ li jrid iwassal il-KLM hu li dawn ma jitħallsux bis-siegħat iżda bil-fattura, minkejja li n-nies għandha raġun tagħmel dawn l-osservazzjonijiet għaliex xorta l-poplu qed iħallas mit-taxxi tiegħu. Madankollu għandna l-obbligu li ninfurmaw lil ta' fuqhom. F'Misraħ il-Fidwa kien hemm l-osservanza li kull meta tinħarat il-ħamrija, din tikber u l-passaġġi jidhru maħmuġa. Osservanza oħra saret fis-sit fejn jiltaqgħu Triq il-Konvoj ta' Santa Marija ma' Triq Valletta. Hawn kull darba vetturi tqal qed itajru l-*boundary wall* tas-*central strip*. Is-sindku qal li dan irid jiġi rinfurzat bil-konkos li jingħata fil-post biex ikun b'saħħtu biż-żejjed u ma ssirlux ħsara iżjed.

5. **Is-sindku tħadded fuq il-mawra** li se jagħmel mal-kumplament tad-diriġenti tal-GAL Xlokk fejn flimkien ma' oħrajn se jżur il-Pulja, fl-Italja, mill-21 sal-24 ta' Ottubru, 2009.

6. Bħala parti mill-attivitajiet skedati għal Jum l-Imqabba 2009, Grace Marie Mallia ipproponiet li torganizza ***quiz* għat-tfal** nhar it-23 ta' Ottubru, 2009. Il-kontenut tiegħu se jkun fuq il-KLM. F'dan il-punt il-kunsillieri preżenti iddiskutew id-dettalji tiegħu, jiġifieri, x'għandu jiġi studjat minn min se jipparteċipa fih. Madankollu kien suġġerit li Grace Marie Mallia tagħmel kuntatt mal-Kap tal-Iskola kif ukoll mal-għalliema tal-klassijiet 5 u 6 biex flimkien joħorġu bi pjanijiet tajba.

7. Il-KLM għamel evalwazzjoni tal-**attivita tat-2 ta' Ottubru, 2009**. Is-sindku qal li saru sagrifiċċji kbar minn ħafna nies minkejja l-ħafna taqtiegħ ta' qalb. Dan sakemm tlestew il-*props* fl-Isptar il-Qadim, kif ukoll fuq il-Mentna. Waħda mill-problemi li kellna, kienet propju biż-żamma tal-ordni

bil-pulizija. Infatti se nagħmlu talba għal refużjoni ta' tliet kuntistabbli għaliex dawn baqgħu ma tfaċċawx. Jekk mhux possibbli li jagħtuna l-flus li konna ħallasna minn qabel, dawn għandhom joħorġu *credit note* għal xi attività futura. Problema oħra assoċjata mal-*buon ordni* kienet dwar il-barikati tal-pulizija li ġabuhom tard.

8. Kienet ta' nkoraġġiment però l-**koperazzjoni li sibna mill-ġirien** fis-sit tal-Mentna. Dawn ġentilment offrew ikel u xorb liż-żgħażagħ sakemm irmaw il-*props* kif ukoll ipprovdew elettriku sabiex ikunu jistgħu jaħdmu. L-affarijiet kollha li kien hemm fis-sit kienu mislufin minn ħafna nies li anke ssugraw l-affarijiet tagħhom bħall-għamajjar, ritratti antiki, affarijiet ornamentali u saħansitra dawk li sellfuna l-annimali, it-tiben, u l-*pallets*. Is-sindku qal li hu jikkalkula li f'din l-attività kien hemm **150 persuna involuta** u fl-aħħar mumenti l-idejat bdew joħorġu spontanjament. Fost l-oħrajn kien hemm is-self ta' makni tal-qtugħ tal-ġebel fil-barriera, il-*conveyor belt*, it-trakkijiet antiki u l-iskultura fil-ġebel.

9. Sfortunatament kellna nħassru tal-kunċert għaliex **ix-xita ħarbtitilna kollox** u konna nkunu qed nissugraw bl-apparat tad-dwal u s-*sound* li jiswew eluf ta' liri barra. Is-sindku qal li d-deċiżjoni ħadha hu għall-ġid ta' kulħadd minkejja li kien hemm diġà għal-lest kantanti stabbiliti bħal Philip Vella u Debbie Scerri.

10. Nisholas Briffa qal li kieku intramat **tinda fuq il-palk**, it-temp kien jippermetti li l-attività ssir xorta, peress li m'għamlux ammonti kbar ta' xita u l-kantanti u l-apparat kienu jibqgħu fil-kenn. Hu qal li n-nies kienu jifilħu joqgħodu taħt l-umbrellel u konna nipproċedu. Iżda għal din il-proposta, is-sindku qal li l-ħlas żejjed ta' tinda kien se jgħolli l-ispejjeż mas-smewwiet u issugrajniha bħalma fil-fatt kien issugrat l-apparat tas-*sound* żgħir fil-Pjazza tal-Knisja biex kantaw kemm il-*Greenfields* kif ukoll Freddie Portelli. Hawn sar aċċenn għal Jum l-Imqabba 2009, fejn l-istess kantanti li kienu maqlugħin fit-2 ta' Ottubru, 2009 fil-fatt jiddebuttaw aktar tard dan ix-xahar. Dwar dawn l-ispejjeż fil-fatt se nippruvaw nagħmlu laqgħa ma' Noel Castillo li kien il-ko-ordinatur ta' *Leon Promotions* u mbagħad niddeċiedu bħala KLM.

11. Issemmew ukoll il-***bill-boards*** li rreklamaw din l-attività fit-toroq. Kien imsemmi li l-avviżi tal-*bill-boards* ma tpoġġewx fil-ġurnata stabbilita, fatt li diġà qed nikkontestaw il-kont bi tnaqqis ta' €200 jidher fuq il-*PAS* nru 356. Kien hemm osservanza oħra fuq livell lokali. Din kienet li minkejja li fir-raħal kellna *boards* apposta li jippromwovu din l-attività tal-KLM, ma kien hemm imniżżel xejn fin-***notice boards*** tal-kunsill. Is-sindku qal li madankollu l-KLM diġà applika għal attività simili s-sena d-dieħla, lejlet in-*Notte Bianca* tal-Belt. Hu sostna li l-kunsill għandu ċans biżżejjed biex għas-sena d-dieħla, nirranġaw id-difetti li kien hemm, u nirfinaw il-programm.

12. Awto kritika saret minn Grace Marie Mallia dwar il-***leaflets* ta' promozzjoni.** Hija qalet illi jinħtieġ illi nagħmluh aktar sempliċi biex jinftiehem aħjar mill-poplu. Nicholas Briffa dwar il-promozzjoni qal, illi din jinħtieġ issir ma' Malta kollha anke fuq il-*media* billi saħansitra jkun hemm *slots* fuq ***magazine programmes*** fuq ir-radju u t-televiżjoni. Dwar l-istqarrija/iet pubblika/ċi, hu qal li biex il-mertu tal-attività jieħdu kollu l-KLM, hu mhux tal-ideja li jkunu mistednin la membru tal-gvern u lanqas membru tal-oppożizzjoni. Madankollu s-sindku qal li wieħed ma jridx jinsa li l-attività kienet imtella' bis-saħħa tas-Segretarjat tad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni kif fil-fatt iġib il-logo f'kull materjal publiċitarju.

13. Is-segretarju eżekuttiv staqsa dwar id-dewmien fil-ftuħ tal-**Isptar il-Qadim**, għall-pubbliku (li kien disponibbli mis-7:30pm 'il quddiem). Hawn is-sindku wieġeb għall-mistoqsija billi qal li **damu jagħmlu l-*make up***, li kien wieħed professjonali għall-aħħar u ma setgħux jiftħu qabel.

14. Dwar il-programm ta' **Jum l-Imqabba 2009**, is-Sindku qal illi ftit qabel il-laqgħa hu rċieva il-**programm tal-ET il-President ta' Malta** mingħand Ms Christine Mercieca. Hu stieden lis-segretarju eżekuttiv sabiex juriha l-postijiet li fihom se jkun involut l-istess ET President biex tiffamiljarizza ruħha mar-raħal.

15. F'dan il-punt daħal għal-laqgħa l-Kunsillier Paul Spiteri, fit-19:45pm.

16. Fil-programm tal-president żdiedet **esebizzjoni tal-*crafts*** fl-Isptar il-Qadim u l-anzjani se jkunu mitluba li jmorru l-Isptar il-Qadim biex jiltaqgħu kemm mal-ET il-President kif ukoll is-Sinjura tiegħu. Għal dan il-għan il-**Kappillan se jkun mitlub jagħmel avviż** biex l-anzjani li jkunu jridu jiltaqgħu mal-ET il-President, imorru fl-Isptar il-Qadim. Hawn ġew imsemmija l-anzjani tal-Caritas li jiltaqgħu regolarment, kif ukoll anzjani oħra li jkunu jixtieq, jieħdu din l-opportunità.

17. Dwar **token tal-okkażjoni**, li l-KLM hu mistenni li jagħti lill-ET il-President, intqal illi jekk nistgħu nagħmlu skrizzjoni ta' tifkira fuqha huwa tant aħjar. Dan sintendi jitlob aktar impenn minn naħa tagħna.

18. Nhar il-Ħadd, 18 t'Ottubru, 2009, il-KLM qed jipproponi li jorganizza t-**tberik tal-annimali** fil-11:00am, fuq il-Mentna, bil-kollaborazzjoni tal-Kappillan. Kien hemm diskussjoni dwar jekk din l-attività għandiex tkun ukoll miftuħa għall-persuni u *pets* ġejjin minn barra r-raħal ukoll. Dwar promozzjoni ta' din l-attività kien hemm is-suġġeriment sabiex jintużaw in-*notice boards* li għandna fir-raħal li ftit tal-jiem ilu kienu qed jirriklamaw l-attività tat-2 t'Ottubru, 2009.

19. Dwar in-nomini ta' dawk il-persuni li jixhirqilhom **Ġieħ l-Imqabba 2009**, is-sindku issuġġerixxa li nibdew nagħtu riċevuta lil kull min ikun tefa' xi ħaġa f'*tender box*, anke sempliċiment nomina (flok *tender*). Dan minkejja li wara li normalment tinxtara offerta (*tender*), dak li jkun diġà jkun qed jingħata riċevuta fiskali. Fil-każ tan-nomini tal-Ġieħ l-Imqabba l-istess persuni li jkunu innominaw (mhux il-firmatarji kollha–minkejja li dawn jistgħu jiġu wkoll) jiġu mistiedna għas-serata tal-Għoti tal-unur.

20. Intant fil-kaxxa tal-offerti li nfetħet matul din il-laqgħa, sibna **tliet *envelopes* bin-nomini**. Tnejn minnhom jirreferu għas-Sur Mark Bondin filwaqt li l-ieħor jirreferi għas-Sur Thaddeus Farrugia. Wara li nqraw is-*CVs* tagħhom mis-segretarju eżekuttiv, il-**KLM unanimament deherlu li dawn iż-żewġ persuni jixhirqilhom il-Ġieħ l-Imqabba 2009.**

21. Nicholas Briffa kellu jiltaq fit-8:30pm, propju wara li kien deċiż il-Ġieħ l-Imqabba 2009.

22. Dwar il-**preżentur tas-serata** tal-Ġieħ l-Imqabba 2009, is-sindku ssuġġerixxa lil Ms Mariella Chetcuti peress li s-sena l-oħra ma setgħetx. Grace Marie Mallia semmiet ukoll lil Ms Angie Casha u Mrs Joyce Guillaumier. Ġie deċiż li naraw min minnhom huwa disponibbli.

23. Il-KLM kien infurmat illi din is-sena sfortunatament ma jistgħux isiru l-korsijiet tal-**Ingliż u l-Malti Bażiku**. Dan għaliex ma mlejniex klassijiet ta' għaxar persuni kull klassi.

24. Is-sindku qal li minn ***press release*** **tal-ADT**, jidher li se jinksew (*road surface repair*) numru ta' toroq bit-*tarmac*. Fosthom Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba, Triq l-Imqabba, Siġġiewi, minn ta' Kandja sas-Siġġiewi, Triq l-Imqabba, Qrendi, Triq Ħal Kirkop, Mqabba, Triq l-Imqabba, Żurrieq, mill-ħanut *La Piccola* sal-Imqabba, u Triq Valletta, Mqabba, viċin il-*mustering room* tal-kenniesa.

25. Minn nhar it-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 2009, ġej il-ġardinar li se jkun assenjat magħna fuq **xogħol komunitarju mill-Korporazzjoni għas-Servizzi u Taħriġ (*ETC*)**. Dan se jiltaqa' għall-ewwel darba mas-segretarju eżekuttiv nhar il-Ħamis, 8 ta' Ottubru, 2009, fejn se jkun mitlub jagħmel diversi xogħlijiet.

26. **L-applikazzjoni tal-*Planning and Priorities Department*** li kien għamel il-KLM biex jikkonverti l-barriera tal-Mitħna fi ġnien edukattiv, sfortunatament ma ġietx aċċettat biex tikkwalifika minn fondi tal-Unjoni Ewropeja. Madankollu s-sindku qal li se naraw jekk issirx ***Youth Exchange*** billi niddiskutuha f'laqgħa oħra.

27. Dwar il-**kompetizzjoni Lokalitajiet Indaf**, li wkoll nistgħu nieħdu fondi għaliha, se nippruvaw nissieħbu ma' kumpanija privata bħal *Greenpack* u/jew il-*Green Mt* biex inħeġġu aktar is-separazzjoni tal-iskart bl-introduzzjoni ta' *separation bins* ġodda fil-ġonna tagħna.

28. Is-sindku semma li bilfors se jkollna noħorġu fil-futur qrib il-kuntratt il-ġdid tal-iskart bieb bieb. Is-segretarju eżekuttiv qal li mill-1 ta' Ottubru, 2009 il-KLM se jkun obbligat iħallas spejjeż kbar biex imur iwaddab fl-Għallis l-iskart hu, issa li splodew 'il fuq ir-rati ta' depożitu. Dwar dan kien hemm diskussjoni dwar jekk għandniex inħarsu l-interessi tagħna billi ninstallaw *datatrek* mat-trakk tal-i*scammel* biex nassiguraw fejn imur l-istess trakk jew nitolbuha bħala *item* fuq it-*tender* il-ġdida. Dan biex il-kuntrattur ma jiġborx skart ta' oħrajn u nħallsu għalih aħna.

29. Kient diskussa l-ftuħ tal-uffiċini tas-sibtijiet filgħodu skond il-memo tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Biex ikun possibbli li jsir dan se nagħmlu l-intervisti lill-dawk ta' fuq it-tieni lista li pprovdewlna l-*ETC* biex ikun ingaġġat skrivan/a fl-uffiċċju *part time* skala 15.

30. Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm u l-KLM se jiltaqa' nhar l-20 ta' Ottubru, 2009 fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*27 /10 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |